# Patri Ġużè Delia SJ u San Nikola

**Kitba ta' Joe Chetcuti**

Min jaqra l-kotba li Patri Ġużè Delia ħalla warajh jinduna kemm dan il-Bravu Ġiżwita kien iħobb lis-Siġġiewi, raħal twelidu, u lil San Nikola patrun u protettur ta' l-istess raħal. Qabel ngħaddi biex nikkumenta dwar din l-imħabba ta' Patri Delia lejn San Nikola kif tidher mill-kitba tiegħu, se nġib profil qasir ħafna ta' dan ir-reliġjuż.

Patri Ġużè Delia twleied fl-1 ta' April, 1900 u miet fid-29 ta' Settembru 1980. Studja f'Malta, f'Palermo u fi Granada fi Spanja. Aktar tard studja f'Dublin, ġewwa l-Irlanda, fejn ġie ordnat saċerdot f'Lulju 1930. Wara li sar saċerdot huwa ma waqafx mill-istudju – kompla jistudja ġewwa Ruma. Minn Ruma Delia ġie lura Malta u għamel appostolat qawwi fi ħdan il-kumpanija tal-Ġiżwiti li tagħha kien membru. Kien l-ewwel provinċjal tal-provinċja ġdida tal-Ġiżwiti Maltin (1947-53). Għaldaqstant, Patri Delia jibqa' magħruf bħala *Missier il-Provinċja Ġiżwita Maltija*.

Patri Delia hu awtur ta' numru mhux ħażin ta' kotba. Kiteb poeżija bil-Grieg Klassiku, bil-Latin u bl-Ispanjol. Fil-fehma tiegħi, Patri Delia jibqa' l-aktar imsemmi għas-sbatax-il leġġenda li kiteb bejn l-1940 u l-1980. F'dan l-artiklu qasir, nikkummenta dwar xi kitba li Patri Delia għamel bħala tifħir u informazzjoni fuq dan il-qaddis popolari. Nibda bl-*Innu lil San Nikola ta' Bari*.

*Missier tagħna, għażiż Nikola,*
*Fl-art, fis-sema Qaddis kbir*
*Ġieħ u qima ntuk irridu,*
*Għax jistħoqqlok kull tifħir.*

Din l-istrofa introduttorja turi l-vena ta' tifħir u glorja li nsibu fis-sitt strofi ta' l-innu. Naraw li dan it-tifħir jirrepeti ruħu wara kull strofa b'dan ir-ritornell:

*Inti l-anġlu ta' ħajjitna,*
*Int id-dawl u l-qawwa tagħna;*
*Fit-tiġrib li jdallam fuqna*
*Inti dejjem waqaft magħna.*

F'poeżija oħra ta' tifħir lil San Nikola, Patri Delia jgħid, li għalkemm huwa għex għal bosta snin mbiegħed minn Malta u mill-għażiż raħal twelidu, is-Siġġiewi, hu qatt ma nesa lill-qaddis favorit tiegħu u l-festa kbira li ssirlu fir-raħal:

*Qatt le ma nsejtek, għalkemm fuqi gerrbu,*
*bit-toqol tagħhom ħafna snin u ġrajja!*
*Dejjem bqajt f'qalbi, jum ta' sliem u barka*
*l-egħżeż f'dil-ħajja!*

U fi strofa oħra, fl-istess poeżija, Delia jsostni:

*Ħabbejtek dejjem, għax int kbir Nikola*
*Kbir fi qdusitek, fl-għeġ'bijiet, fil-ħniena,*
*Int Kristu ieħor! Għalhekk biss inqimek*
*w inħobbok jiena!*

*Għalhekk minn dejjem nistenniek, nixxenqek,*
*Jum hieni ta' Diċembru ħlejju!*
*Għalhekk nixtieqek, u iktar int għal qalbi*
*mill-jiem ta' Mejju!*

Fil-poeżija, *L-Għanja ta' Qalbi lil Nikola*,



Patri Delia jiftaħ qalbu beraħ tabilħaqq! Juri x-xrar ta' mħabbtu lejn il-Qaddis:

*Int sraqtli din qalbi u rbattni ma' qalbek*
*Bi rbit li xejn jista' ma jħoll tul iż-żmien.*
*U dejjem bqajt ngħożżok u nżommok b'missieri,*
*U dejjem bqajt ismek nistqarr kullimkien.*

Din l-istess għanja spiċċaha hekk:

*Għalhekk nixtieq ismek inxandar Nikola,*
*U b'demmi jien niktbu u nnaqqxu fil-qlub,*
*Biex int dejjem tibqa', kif dejjem kont fostna*
*Imfaħħar minn ġensna, meqjum u maħbub.*

Poeżija oħra ta' tifħir lil San Nikola hi ddedikata għat-tfal. Il-poeżija jisimha: *L-Għanja tat-Tfal lil Nikola Mqaddes.* Nirriproduċi hawnhekk, żewġ strofi biss ta' din il-poeżija ta' disa' strofi:

*Raġa' fuqna feġġ Diċembru,*
*Raġa' feġġ dal-jum għażiż,*
*Li jiġborna lkoll madwarek*
*Ja Nikola, kbir qaddis*

*Ħniena minna u minn dar-raħal*
*Li hu tiegħek bħal m'hu tagħna!*
*F'nofs il-misraħ ridt titqiegħed,*
*Biex f'kull hemm tkun dejjem magħna.*

Ma setax jonqos li Patri Delia, ma jdaħħalxfost il-leġġendi lihu kiteb, leġġenda bit-tema *San Nikola*. Għalhekk insibu, fost is-sbatax-il leġġenda waħda li jisimha *Il-Leġġenda ta' San Nikola*. Din il-leġġenda tiftaħ b'deskrizzjoni fidila tal-festa ta' San Nikola li ssir fis-Siġġiewi. Tkompli bil-ġrajja tas-serqa tat-tfajjel Bażilju mit-Torok, u kif San Nikola mar u refa' minn xagħru lit-tfajjel, ħelsu, u ħadu mill-ġdid fi ħdan il-familja tiegħu. Il-leġġenda tagħlaq billi jissemma l-famuż pittur Mattia Preti li mmemorizza din il-leġġenda fl-inkwadru tal-kor li hemm wara l-altar maġġur tal-knisja tas-Siġġiewi.


# BY PASS CONFECTIONERY




*Pastizzi, Pizza, Sausage Rolls, Meat/Chicken Pies, Timpana, Ross, Gateaux, Ġelati u varjetà ta' ħelu.*

*Għaġina, Pizza u Pastizzi tal-Friża.*

*Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siġġiewi • Tel: 2146 2266*

**Mit-Tnejn sas-Sibt il-ġurnata kollha u l-Ħadd sa nofsinhar.**